MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2004

Numru. 378/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**

**CARMEL HABER**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **CARMEL HABER** bin Carmel u Victoria nee Sultana li joqghod 35, Triq Sant Ursola, Rabat, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 51963 (G) akkuzat talli fit-tnejn ta'Awissu, 2003 wara nofsinhar waqt li kien fil-fond Ta' Frenc Real Estate, Triq il-Kapuccini, Rabat, Ghawdex;

1. Ghad li kellu il-jedd li jwiddeb lil haddiehor hareg barra mill- qies,

2. Ikkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ ibnu Leo Mario ta’ tlettax il-sena u fuq il-persuna ta’ ibnu Diego Mario ta’ disgha snin u dan skond kif iccertifika Dottor Mario Saliba tal-Poliklinika tar-Rabat.

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l’artikoli 339 (1) (h) u 221 (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u cioe` lil PS 1040, Josephine Haber, il-minuri Leo Mario u Diego Haber, Doctor Mario Saliba u s-social worker Peter Paul Portelli u lill-imputat jixhed minn jeddu b’mod volontarju u lix-xhud tad-difiza Sister Marianna Barbara.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti hija faccjata b’sitwazzjoni fejn il-Prosekuzzjoni qed tallega li l-imputat sawwat lil uliedu minuri u ikkagunalhom feriti ta’ natura hfief u l-imputat li jghid illi dan mhu veru xejn u kienu t-tfal minuri li kienu qed jiggieldu bejniethom.

Illi ghalhekk ma hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala gudikant il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda tal-fatt jekk ix-xhieda ghandix mis-sewwa, jekk hix kostanti u ta’ fatturi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Din il-Qorti hija f’posizzjoni vantaggjata ghall-Qorti ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex hija ghexet l-process tul medda ta’zmien u ghalhekk kienet f’posizzjoni, wara li semghet ix-xhieda kollha jixhdu viva voce quddiemha, tezamina l-imgieba u l-komportamet taghhom, stante li kienet hi stess li kkonstatathom u x’interess setgha kellu xi xhud f’dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Huwa minnu kif gie allegat mid-difiza li jekk l-Qorti hija rinfaccjata b’zewg verzjonijiet konfliggenti ghandha

tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat, pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-**Qorti tal-Appelli Kriminali fid-dsatax ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet il-Pulizija vs Graham Charles Ducker li:**
*"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt, whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif ighid l-awtur taljan Manzini fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** vol III, Kap IV, pagna 234, edizzjoni 1896.

*"Il cosi detto onero della prova cioe` il carico di fornire spetta a chi accusa".*

Ta min ifakkar hawnhekk li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak li-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jkollu ebda ombra ta' dubju. Id-dubju ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li iqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprovda l-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti trid tqis il-provi kollha anki dawk l-indikazzjonijiet bhal f'dan il-kaz ic-ceritifkat mediku rilaxxjat mit-tabib fid-dawl tax-xhieda moghtija mill-minuri u dan ghaliex kif imsemmi fis-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Dawood Sayed Dawood Abdel El Kaader deciza nhar id-disgha ta' Gunju, 1998** meta b'approvazzjoni iccitat dak li qal Lord Normad fil-kawza fl-ismijiet **Teper vs The Queen:**

*"It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure*

*that there are <u>no</u> other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference".*

Din il-Qorti hasset il-htiega u importanza li tezamina ix-xhieda moghtija b'mod individwali ghaliex hawhekk si tratta ta' akkuza fuq missier fil-konfront ta' uliedu meta il-missier jinsab ghaddej f'kaz ta' separazzjoni minn mal-mara, omm l-istess minuri, u l-minuri gew fdati temporanjament taht il-kura u kustodja tal-istess omm li ghamlet ir-rapport relattiv ghall-istituzzjoni ta' din l-istess kawza.

Illi nhar l-ghoxrin ta' Novembru, 2003 xehed **Doctor Mario Saliba** u bil-gurament tieghu spjega illi nhar it-tnejn ta' Awissu, 2003 huwa ezamina lil Diego Mario Haber fil-Gozo General Hospital. Huwa qal illi allegatament dan kien gie imbuttat "pushed mal-art minn missieru" u sab li kellu tbengila superficjali fuq l-irkoppa tax-xellug. Filwaqt li meta ezamina lil minuri Leo Mario fl-istss jum huwa qal illi dan allegatament kien gie imsawwat minn missieru. Sab li kellu evidenza ta' tbengil fuq saqajh, "upper limbs" u daru. Il-griehi kollha pero kienu ta' natura hafifa.

Mistoqsi mill-Qorti ma min kienu l-minuri meta gew ezaminati minnu, it-tabib wiegeb li kienu ma ommhom u inoltre il-verzjoni ta' x'gara giet ukoll moghtija lilu min ommhom. Huwa ezaminhom fil-presenza ta' xulxin.

Il-Qorti b'approvazzjoni mal-avukat difensur u tal-parte civile semghet lill-minuri premezz ta' video conferencing u dan ghaliex tali xhieda hija vulnerabbli.

Illi nhar is-sebgha w ghoxrin ta' Ottubru, 2003 wara li l-Qorti spjegat it-tifsira tal-gurament lil **Leo Haber**, state li ghandu biss tlettax il-sena hija semghet ix-xhieda teighu.

Huwa spjega kif dakinhar kienu ghand Ta' Frenc hu, huh Diego u missieru. Stqarr illi missieru kien qed iqabbad lilu u lil huh jahslu u jizvojtjaw id-dustbins.

Huwa ma riedx jghamel hekk u missieru beda jitghajjar u tah daqqa u qalbu mal-art. Missieru beda jghajjru li ommu

tmur mal-irgiel, li hija “qahba” u jghajjar ir-razza taghha. Imbaghad harab l’hemm. Mistoqsi fejn wegghaw missieru, qal “hawn f’idejja” u wera lill-Qorti “the lower limb” ta’ idu.

Mistoqsi jekk weriex dak li ghamillu missieru lit-tabib mill-parte civile, il-minuri wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi jekk jafx jekk missieru ghamilx xi haga lil huh, hu wiegeb li ma jafx ghaliex harab l’hemm. Mistoqsi jekk halliex il-huh warajh wiegeb iva, izda qal li huh Diego gera warajh. Ix-xhud qal illi kien ilu ma jara lil missieru minn Awissu u ghalhekk ifisser ghall-perjodu ta’ tlett xhur u li ma jridx imur ghandu.

Mistoqsi kif waqgha mal-art, il-minuri qal li missieru qabdu minn idjeh u tah gambetta u waqa fuq sidru.

**Diego Haber** xehed dakinhar wara li kien xehed huh, u l-Qorti ghal darb’ohra spjegatlu t-tifsira u l-importanza tal-gurament peress illi kien ghadu minuri ta’ disgha snin.

Diego qal illi huwa kien qed jitkellem ma huh Leo fuq partita tal-football. Qal illi hu u huh izommu ma club differenti, hu mal-Milan u huh mal-Manchester. Qal illi l-papa beda isikkithom u jghidilhom biex jghinuh inewlulu xi dustbins biex jizvojtjhom u jiehdu xi trays bit-tazzi lill-klijenti u hu iddejjaq. Wara ftit iggieled ma huh minhabba il-partita tal-football. Qal illi l-papa telghalu u ta’ daqqa bl-ixkupa fuq dar huh Leo u ohra fuq daru wkoll bl-ixkupa. Cahad li huh spicca mal-art jew li imbutthom mal-art. Ma semma l-ebda gambetta. Wara li irrelata dan l-incident ix-xhud ftakar li din sehhet f’Santa Marija u mhux fil-bidu ta’Awissu.

Ghall-ewwel ighid li ma ftakarx l-incident tal-bidu ta’ Awissu izda wara jghid li dakinhar hu u huh kienu qed jiggieldu bejniethom u ukoll fuq min hu l-aqwa grupp tal-football. Mistoqsi jekk dakinhar missieru sawwathom qal illi kien sawwtu bl-ixkupa fuq darhom u sahansitra haraqlu zaqqu u lil huh sawwtu fuq idejh it-tnejn.

Illi **PS 1040** xehed u esebixxa l-okkorrenzi relattivi ghal dan l-incident. Huwa jghid illi Josephine Haber irraportat illi zewgha Carmel l-imputat nhar it-tnejn ta' Awissu, 2003 kien sawwat lil uliedha minuri u sahansitra ippresentaw certifikat mediku dwar l-allegat feriti li soffrew it-tfal. Hu qal li dakinhar stess tkellem mal-imputat li cahad b'mod kategoriku dak li kienet irraportat l-omm dwaru.

Illi nhar id-disgha u ghoxrin ta' Jannar, 2004 xehed l-imputat **Carmel Haber** u b'mod katergoriku cahad li huwa sawwa lill-uliedu. Spjega li verament fit-tnejn ta' Awissu, 2003 huwa kellu it-tfal minuri mieghu fl-ufficini ta' Ta'Frenc meta bdew jiggieldu bejniethom dwar il-football u cioe` dwar liema team tal-football huwa l-ahjar. Qal illi t-tfal gew fl-idejn u kellu iwaqqafhom. Meta ghamel hekk it-tfal issuppervjaw u telqu jigru l'hemm. Mistoqsi jekk gholliex idejh fuqhom b'xi mod huwa cahad li effettivament kien misshom.

Illi jirrizultaw diversi divergenzi fix-xhieda tal-Prosekuzzjoni. Li ukoll jitfghu dubju f'mohh il-gudikant jekk effettivament l-imputat verament sawwatx lill-uliedu. Illi dawn il-konflinggenzi u inezattezzi kollha idajjfu l-kaz tal-Prosekuzzjoni u joskuraw il-kredibililita` tax-xhieda tal-minuri li ma jaqblu xejn bejniethom dwar dak li gara.

Leo jghid is-segwenti:

1. Li missierhom tah gambetta u qabbdu minn idu u tah bis-sieq;
2. Li huwa ma iggiliedx ma huh Diego;
3. Li huwa mhux veru kien qed jitkellem ma huh fuq il-football;
4. Li lil huh ma rahx jaqla xi daqqa minghand missieru ghaliex telaq jigri l'hemm qabel;
5. Li missieru beda jghajjru fuq ommu li hija qahba u li tmur mal-irgiel;
6. Li klijenti fl-ufficcju ma kienx hemm.

Filwaqt li Diego jghid is-segwenti:

1. Li missieru qabad xkupa u beda jghati lilu u lil huh Leo fuq darhom;

2. Li huwa u huh kienu qed jitkellmu fuq il-football u jiggieldu bejniethom;
3. Li klijenti fl-ufficju kien hemm tant li kellu jiehdilhom xi tazzi fuq trays.
Illi l-feriti deskritti mit-tabib zgur li ma jikkorraborawx dak li qalu l-minuri dwar il-feriti li soffrew ghaliex filwaqt li Diego jghid li qala daqqa fuq daru bl-ixkupa, t-tabib jghid li allegatament Deigo gie imbuttat mal-art u kellu tbengila superficjali fuq l-irkoppa tax-xellug.  Feriti li Diego qala ma semmiex waqt li Leo kellu tbengila fuq daru, saqajh u l-"upper limbs" u meta Diego gie mistoqsi fejn wegghaw missieru qal li qabdu minn idejh u waqqghu mal-art. Huwa qatt ma qal li missieru tah f'daru.

**Illi ghalhekk fid-dawl ta' dawn id-dubji kollha ta x'gara ezattament, il-Qorti tiddikjara wara li rat l-artikoli fuq citati li ma tistax issib lill-imputat CARMEL HABER hati tieni akkuza u konsegwentement tal-ewwel akkuza u tilliberah minn dawn iz-zewg akkuzi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------